# FIL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' nhar il-Erbgha tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju 2016

Rikors Numru 11/07 FDP

**Clive Simpson ghan-nom u fl-interess ta' l-assenti Guglielmo, Giovanni, Giorgio u Giuliana mart Gian Franco Ferretti, lkoll ahwa Cane' u, b'digriet tas 27 ta' Gunju 2013, Gugliemo Cane' assuma l-atti flok Clive Simpson fl-istess vesti in vista tal-mewt ta' l-istess Clive Simpson**

**vs**

**Michael Gatt u, b'digriet tas-26 ta' Frar 2014, giet kjamat in kawza Concetta Formosa**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur ippresnetat fis 6 ta' Frar 2007 fejn jinghad is-segwenti:

Illi l-esponenti jikru lill-intimat il-garage 8, Triq l-Arkati, Senglea bil-kera ta' Lm48.00,0 fis-sena, l-ewwel skadenza fl-1 t'Ottubru 2007;

Illi r-rikorrenti ghandhom bzonn dan il-garage ghall-uzu personali taghhom;

Illi di piu' l-intimat ceda jew issuloka din il-kirja minghajr il- kunsens tar-rikorenti;

Ghaldaqastant l-esponenti talbu lil dan il-Bord sabiex joghgobha jawtorizzahom jirriprendu li ma jgeddudx din il- kirja favur l-intimat u li dan il-Bord jordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-istess garage fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss;

Ra r-risposta tal-intimat ippresentata fil 21 ta' Mejju 2007 fejn inghad is-segwenti:

Preliminarjament illi r-rikorrent noe ghandu jipprova l- awtorizazzjoni li ghandu mill-assenti msemmija sabiex jagixxi b'dawn il-proceduri ghan-nom taghhom;

Fit-tieni lok l-fond indikat fir-rikors bin-numru tmienja (8) mhux mikri lill-intimat esponent, li jikri invece l-fond bin- numru mija u sitta (106) fi Triq l-Arkati, Isla;

Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju illi l-fond 106 fi Triq l- Arkati Senglea, jintuza mill-esponent flimkien mal-ko- inkwilin John Formosa bhala mahzen ghall-hazna ta' merkanzija tal-computers, ilu jintuza hekk ghal madwar ghoxrin sena u dan is-sidien jafuh sewwa u dejjem accettaw il-kera b'dan l-istat ta' fatt maghruf; li kien hekk sa mil-bidu tal-lokazzjoni;

Fir-raba' lok u wkoll minghajr pregudizzju, illi mhux minnu illi l-fond kien gie cedut jew sullokat minghajr il-kunsens tas-sidien, izda s-sidien jafu ben tajjeb illi l-fond mikri lil Michael Gatt u John Formosa flimkien tant illi minn dejjem ghamlu uzu mill-fond de quo flimkien – u dan mill-bidu tal- kirja, kif jafu ben tajjeb is-sidien;

Ra illi fit 2 ta' Mejju 2011, il-Bord, diversament ppresjedut, laqa' t-talba rikorrenti u dana abbazi tal-premessi segwenti:

> *Illi dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimat, rrikorrenti assenti esebew kopja tal-prokuri moghtija lil Clive Simpson sabiex jirraprezentahom f'dawn il-gzejjer ghal dawn il-proceduri (vide fol 13 sa 21), u ghalhekk dawn il-proceduri ghadhom jiqtiesu bhala korrettament istitwiti skont il-ligi;*
>
> *Illi l-ewwel raguni li biha r-rikorrenti adew lil dan il-Bord hija dik ta' htiega tal-fond ghal uzu personali taghhom. Ir- rikorrenti jiddiskrivu dan il-fond bhala garage bin-numru 8 u l-intimat irrisponda li hu jikri l-fond numru 106. Jirrizulta illi kien sar tibdil ufficjali f'numru tal-fondi fi Triq l-Arkati fejn il-fond in kwistjoni huwa dak numru 8 li precedentement kellu n-numru 106. Clive Simpson jghid li kien hu personalment li kera l-fond lill-intimat bhala garage meta l-istess intimat kien jirrisjedi f'appartament sovrapost. L-uzu ta' dan il-garage kien ghat-tqeghid tal- vettura tieghu. Guglielma Cane' xehed illi minkejja li joqghod l-Italja, hu jigi Malta ta' spiss issa li huwa rtirat u ma jistax jixtri karozza ghaliex m'ghandux fejn iqieghda u ghalhekk ghandu htiega li jirriprendi l-fond in kwistjoni. Dwar talba ta' ripresa ta' garage opportunement jinghad illi l-artikolu 1531H tal-Kodici Civili Kap 16 jghid illi fil-kaz ta' garage mikri qabel l-1 ta' Gunju 1995, li ma jiffirumax parti minn dar mikrija lill-inkwilin bhala residenza ordinarja u li mhuwiex meqjus bhala fond kummercjali, fin-nuqqas ta' ftehim li jghid mod iehor ma jkun hemm ebda dritt ta' tigdid tal-kera wara l-1 ta' Gunju 2010. Dan l-artikolu tal- ligi introdott bis-sahha tal-Att X tal-2009 gie fis-sehh fil- mori ta' dawn il-proceduri u ghalhekk jista' jitqies li hemm jus superveniens jekk l-elementi kollha ravvizati fl-artikolu citat jinkwadraw. Clive Simpson ma jghidx meta kera dan il-fond lill-intimat u jghid illi l-istess intimat kien joqghod fl- appartamenti ta' fuq il-garage. Jekk l-appartament jappartjeni wkoll lir-rikorrenti jew kienx jinkorpora l-kirja tal- garage jibqa' mistur ghaliex ma ngiebx a konjizzjoni ta' dan il-Bord. Huwa ghal din ir-raguni li dan il-Bord mhux qieghed japplika d-dritt tar-rikorrenti li ma jgeddux il-kera tal-fond kif jipprovdi l-artikolu 1531H tal-Kap 16;*
>
> *Ir-rikorrenti jghid li dan il-fond inkera ghal skop ta' tqieghed ta' vettura. L-intimat oggezzjona billi qal li dan il- fond qed jintuza flimkien mal-ko-inkwilin*

*John Formosa bhala mahzen ghal hazna ta' merkanzija tal-computers. Fattur dan ta' massima importanza ghaliex f'kaz li hekk jirrizulta, allura testendi fuqu l-protezzjoni sancita mill-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta kif konfermat mill-gurisprudenza in rigward. (ara per ezemplari s-sentenza* ***Anthony Baldacchino et vs Carmelo sive Charles Caruana App 28.12.01****). L-oneru tal-prova ghadda f'idejn l-intimat appena ghamel din l-allegazzjoni izda minkejja diversi opportunitajiet sabiex iressaq prova dwar dan huwa baqa' sieket. Oltre dan, l-allegat socju John Formosa, la talab li jidhol fil-kawza, la ressaq xi opposizzjoni u anqas wera xi interess f'dawn il-proceduri u ghalhekk il-Bord ghandu quddiemu d-dikjarazzjoni guramentata ta' Clive Simpson li dan il-fond inkera ghall-skop privat biex titqieghed fih vettura. Ghalhekk il-fond ma jgawdix l-istess protezzjoni moghtija lil hanut tah il-kap 69 u t-talba tar-rikorrenti tista' ghalhekk tkun mistharrga aktar;*

*Ir-rikorrenti Cane, xehed bil-gurament illi huwa ghandu htiega tal-fond ghaliex issa li irtira qed jigi Malta ta' spiss izda ma jistax jixtri vettura peress illi m'ghandux fejn iqieghda. Haga din li hija ragjonevoli u plawsibbli. Kontra din id-dikjarazzjoni, l-intimat ma ressaq ebda prova.*

*Ghalhekk il-Bord, filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-premessa ta' cessjoni jew sullokazzjoni, jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzahom jirriprendu l-fond fi zmien tletin (30) jum millum.*

Ra illi l-intimat appella minn tali decizjoni fejn l-istess intimat esebixxa kopja ta' skrittura datata 5 ta' Gunju 1975 li ma kienetx fil-pussess tieghu.

Ra illi l-Qorti tal-Appell, in vista ta' dana il-fatt, ghamlet is-segwenti osservazzjonjiet:

*Illi dan huwa appell minn decizjoni tal-Bord li Jirregola l- Kera (Bord) fejn l-aggravju tal-appellanti Michael Gatt huwa fis-sens li huwa ma jaqbilx mad-decizjoni tal-Bord li l-fond ma jgawdix l-istess protezzjojni moghtija lill-hanut taht il-**Kap. 69** u dan peress li hemm skrittura datat 5 ta' Gunju 1985 (Dok. "MG 01") iffirmata mill-appellat Clive Simpson, mill-appellant u minn dak li indika bhala l-ko- inwkilin John Formosa fejn hemm indikat li "Mr. Simpson will not terminate the tenancy as long as the premises is used solely for garaging and storage purposes". Dan allura jfisser li l-fond de quo huwa mikri bhala mahzen u bhala tali ghandu l-protezzjoni tal-ligi skond l-**artikolu 2 tal-Kap. 69;** apparti dan jirrizulta li bl-istess kliem uzat fl- imsemmija skrittura l-appellat kien irrinunzja ghal kwalunkwe dritt li seta` kellhom fil-ligi sabiex ma jgeddux il-lokazzjoni kemm il-darba l-istess fond jibqa' jintuza bhala garage jew mahzen, u la darba ma saret ebda prova li l-fond mhux qed jigi uzat ghal tali skop, mela allura l-azzjoni tar-rikorrenti fid-dawl ta' dan kollu ma tistax treggi; barra minn dan qed jinghad li r-rikorrenti lanqas ippruvaw li huma ghandhom bzonn l-istess garaxx ghall- bzonn taghhom tant li Guglielmo Cane' jammetti li lanqas ghandu karozza; f'dan l-istat ta' fatt id-disposizzjoni ta' l-* ***artikolu 1531 H tal-Kap. 16*** *ma japplikawx ghall kaz in ezami u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.*

*Illi l-Qorti rat l-iskrittura tal-5 ta' Gunju 1985 iffirmata mir- rikorrenti u mill-intimat u dak li jidher li huwa certu "J. Formosa" min fejn jirrizulta li kien hemm il-kunsens tal- appellat li l-istess fond jkun jista' jintuza biss bhala garage*

*u"storage purposes", liema skrittura ma kienitx disponibbli u wisq inqas esebita quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera. Bla ebda dubju dan ibiddel ix-xenarju kollu li fuqha giet deciza din il-kawza, u la darba gie ppruvat li tali dokument ma kienx disponibbli lill-appellant fl-istadju tal-kawza quddiem il-Bord, din il-Qorti, fl-interess tal-gustizzja, hasset li kellha u qed tikkonferma l-awtorizzazzjoni taghha, sabiex l-istess dokument jigi esebit. Dan peress li tali dokument kien qed jinzamm fl-arkivju tal-ufficju tad- ditta ta' avukati "Mifsud Bonnici & Camilleri" u l-appellant ma kienx jaf li tali dokument kien ghadu fil-pussess tal-istess u kien wara li saret tfittxija ghalih minn Dr. Noel Camilleri mill-istess ufficju li din l-iskrittura instabet u dan f'dan l-istadju ta' appell, u allura din il-Qorti, b'mod eccezzjonali hasset li tali skrittura kellha tigi esebita u tigi kkonsidrata bhala prova f'din il-kawza.*

*Illi mill-kontenut tal-istess dokument jidher car li dan jeffettwa l-mertu tad-decizjoni finali li tista' tinghata f'dan il- kaz, nkluz li f-fond jista' jgawdi minn protezzjoni fil-ligi u allura d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1531 H tal-Kap. 16** ma jkunux japplikaw ghalih, u japplika minflok l-**artikolu 2 tal-Kap. 69,** allura fid-dawl ta' dan kollu jidher d-decizjoni tal-Bord ghandha tigi revokata ghaliex mill-istess skrittura jirrizulta li tali fond ikkontempla l-possibilita ta' l-uzu tal- istess fond bhala mahzen u dan apparti li jidher li l- firmatarju*

*Illi din il-Qorti thoss li ghandha tieqaf sa hawn u thalli l- mertu kollu jigi deciz mill-Bord li Jiregola l-Kera, u dan ghaliex din il-Qorti hija Qorti tat-Tieni Istanza u ghalhekk thoss li ghandu l-ewwel ikun hemm pronunzjament fuq il-mertu kollhu mill-Bord u mbaghad jekk issir appell minn din il-Qorti u dan anke fuq l-iskorta ta' dak li gie deciz fis- sentenza **"Alfio Borg vs Fogg Agencies Insurance Limited et"** (A.C. – 4 ta' Novembru 2005 – Citaz. Numru 634/1999) li ghaliha qed issir riferenza.*

*Illi ghalhekk in vista tal-premess din il-Qorti qed tilqa' l- appell interpost limitatament sabiex tigi revokata d- decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera u tirrimanda lura l-atti kollha tal-kaz lill-istess Bord sabiex fid-dawl tal-provi godda prodotti u ta' din id-decizjoni tinvesti l-mertu tal-kaz skond il-Ligi u tiddeciedi dwar it-talbiet tar-rikorrenti u r- risposta tal-intimat.*

Ra illi ghalhekk il-Qorti tal-Appell laqghet ir-rikors ta' l-intimat u wasslet ghas-segwenti konkluzjoni:

*Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appellat datata 5 ta' Ottubru 2011 u dan biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, tilqa' l-appell interpost mill-appellanti Michael Gatt fir-rikors tal-appell tieghu datat 20 ta' Mejju 2011 biss fis-sens hawn deciz, b'dan li thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-Bord li Jirregola l- Kera fl-ismijiet premessi "Clive Simpson nomine vs Michael Gatt" (Rikors 11/2007) datata 2 ta' Mejju 2011, u in vista ta' dak hawn deciz tibghat lura u tirrinvija l- atti processwali kollha lill-istess Bord li Jirregola l- Kera sabiex fid-dawl ta' din id-decizjoni u l-provi hawn prodotti u dawk proponibbli skont il-Ligi quddiem l- istess Bord li Jirregola l-Kera tigi trattata u deciza l- kawza bejn il-kontendenti skont il-Ligi.*

*Bl-ispejjez kollha, stante n-natura ta' dan il-kaz, riservati ghad-decizjoni finali*

*fuq il-mertu.*

Ra illi fit 8 ta' Ottubru 2012 dana il-Bord, kif ppresjedut, beda jisma l-kaz mill-gdid in vista tad-dokument esebit mill-initmat waqt il-proceduri tal-Appell, u ordna l-inverzjoni tal-provi.

Ra l-affidavit ta' **Michael Gatt** ippresentat fid 29 ta' Novembru 2012.

Ra illi fl-24 ta' Gunju 2013 Guglielmo Cane assuma l-atti flok Clive Simpson wara il-mewt ta' l-istess Clive Simpson.

Ra illi fis 27 ta' Gunju 2013 il-Bord cahad it-talba ta' l-intimat ghall-isfliz tal-affidavit ta' Clive Simpson mitluba in vista tal-mewt tieghu.

Ra l-affidavit ta' **Concetta Formosa** ippresentat fl-10 ta' Ottubru 2013.

Sema x-xhieda ta' **Mark Formosa**, iben Concetta Formosa, moghtija fl-10 ta' Ottubru 2013.

Sema l-kontro ezami ta' Mark Formosa moghtija fit 22 ta' Jannar 2014.

Ra ir-rikors tar-rikorrenti ippresentat fit 30 ta' Jannar 2014 ghal kjamat in kawza ta' Concetta Formosa, liema talba intlaqghet fis 26 ta' Frar 2014.

Ra ir-risposta ta' Concetta Formosa ippresentata fis 6 ta' Mejju 2014.

Ra x-xhieda in kontro-ezami ta' Concetta Formosa illi saret fl-10 ta' Dicembru 2014.

Ra l-affidavit ta' **Rachel Formosa** ippresentat mill-intimati fl-10 ta' Gunju 2015.

Ra x-xhieda in kontro ezami ta' **Guliermo Cane'** illi saret fl-24 ta' Novembru 2015.

Ra illi fl-20 ta' Jannar 2016 il-provi kollha gew dikjarati maghluqa.

Ra serje ta' ritratti esebiti mill-intimati fid 19 ta' Frar 2016.

Ra s-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrenti ippresentati fid 19 ta' April 2016.

Ra s-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-intimati ippresentati fil-25 ta' Mejju 2016.

Ra illi fil 25 ta' Mejju 2016 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti huma ta' nazzjonalita Taljana illi ghandhom dixxendenza Maltija u, bhala rizultat, ghandhom varji propjetajiet madwar Malta.

Jirrizulta illi Giuglielmo Cane', wiehed mill-erbgha ahwa, ghalkemm residenti gewwa Ruma, jqatta periodu ta' zmien gewwa Malta wkoll u ghal dan il-ghan huwa jghid gewwa Hal-Lija.

Jirrizulta illi d-defunt Clive Simpson kien jamministra l-assi tar-rikorrenti, u dana sakemm huwa ghadda ghal hajja ahjar.

Jirrizulta illi fil 5 ta' Gunju 1985, sar ftehim bejn Clive Simpson u Michael Gatt illi kien jghid is-segwenti:

> *It is agreed between Mr C Simpson, landlord and Mr M Gatt, tenant, that Mr M Gatt is to give six months notice before giving up the tenancy and that Mr Simpson willnot terminate the tenance as long as the premises is used solely for garaging and storage purposes.*

Jirrizulta illi dana il-ftehim huwa ffirmat minn Clive Simpson u Michael Gatt. Dana il-ftehim huwa anke iffirmat minn John Formosa, ir-ragel ta' Concetta Formosa.

Jirrizulta illi tali dokument tressaq mill-intimat biss fi stadju ta' Appell, u ghalhekk il-Qorti tal-Appell hassret id-decizjoni tal-Bord, kif diversament kompost, u baghtet lura l-atti lill dana il-Bord, kif kompost, sabiex jerrggha jikkunsidra l-kaz mill-gdid wara illi jiehu konjizzjoni tal-ftehim fuq imsemmi.

Jirrizulta illi permezz ta' sentenza tal-Qorti Civili, Prim Awla datata 28 ta' Novembru 1995 fl-ismijiet '*Concetta Formosa vs John Formosa*' per Imhallef Franco Depasquale, il-lokazzjoni tal-fond meritu tal-kawza odjerna giet assenjata lill Concetta Formosa.

Jirrizulta illi, skond Michael Gatt, kemm hu kif ukoll il-konjugi Formosa, dak iz-zmien mizzewgin, riedu jikru garage sabiex jintuza bhala garage u store, u ghalhekk sar ftehim bejn Clive Simpson u Michael Gatt sabiex il-kirja tal-garage ma jigix terminat sakemm jibqa jintuza ghal 'garaging and storage purposes'. (fol 11)

Jirrizulta illi Michael Gatt ma ghadux jirrisjedi gewwa l-Isla, vicin il-garage meritu tal-kawza odjerna, u ma ghandux jahdem bhala mastrudaxxa, xoghol illi huwa kien jaghmel meta dahal fi ftehim ma' Clive Simpson.(fol 62)

Jirrizulta illi Concetta Formosa ma ghandhix karozza u ma ssuqx u l-garage qieghed jintuza minn-neputija taghha, Rachel Formosa. (fol 87)

Jirrizulta, skond Concetta Formosa, illi l-garage kien mikri sabiex jipparkjaw il-vetturi taghhom u jistorjaw l-affarjiet taghhom gewwa tali garage.(fol 40)

Jirrizulta, minn ritratti esebiti mill-intimata Concetta Formosa, illi l-garage qieghed jintuza sabiex jigu mizmuma varji affarjiet, u ghalhekk jidher illi qieghed jintuza bhala store. (fol 110)

Jirrizulta bic-car illi Clive Simpson, ghan-nom tar-rikorrenti, kif indika lilu nniffsu bhala '*landlord*' u kien intrabat illi ma jitterminax il-kirja tal-garage, sakemm l-istess jintuza ghal '*garaging and storage purposes*'.

Jirrizulta ammess minn Clive Simpson fl-affidavit tieghu (fol 9 ta' l-ewwel process) illi huwa kien jaf illi "*it-tenants li kienu joqghodu fil-blok ta' appartamenti fuq il-garage kienu ukoll idahhlu il-karozza taghhom f'dan il-garage*".

Jirrizulta wkoll accettat mir-rikorrenti, kif jidher mill-affidavit ta' l-istess Clive Simpson, illi l-garage kien parti minn blokk ta' appartamenti illi fih kien jghix Michael Gatt.

Jirrizulta mill-affidavit ta' Concetta Formosa illi l-flat ill fih tghix hi huwa fl-istess blokk ta' appartamenti illi fih kien jghix Michael Gatt, u ghalhekk, huwa fl-istess blokka illi fih jifforma parti il-garage meritu tal-kawza odjerna.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta illi r-rikorrenti talbu r-ripreza tieghu abbazi tal-fatt illi huwa kellu bzonn tali garage ghall-uzu personali tieghu kif ukoll illi tali fond gie sullokat lill-terzi minghajr il-kunsens taghhom.

Jirrizulta ppruvat fil-mori ta' dawna l-proceduri, illi John Formosa, r-ragel ta' Concetta Formosa, kif iffirma il-ftehim illi kien gie iffirmat bejn Clive Simpson u Michael Gatt u ghalhekk Concetta Formosa ma tistax titqies daqslikieku ma kienetx giet rikonoxxjuta minn Simpson. Dana jinghad kemm ghad il-ftehim gie ffirmat ukoll minn John Formosa, kif anke kkonfermat minn Michael Gatt, kif ukoll minhabba il-fatt illi Clive Simpson stess jammetti illi kien jaf illi nies ohra li kienu jghixu fl-istess blokka ta' flats kienu qed jpparkjaw il-karozzi taghhom hemm ukoll.

Ghalhekk, l-bazi tar-ripreza fuq il-fatt illi l-fond gie sullokat lill-terzi minghajr il-kunsens taghhom ma jregix.

Jirrizulta ppruvat mix-xhieda ta' Guliermo Cane (fol 97), illi huwa residenti gewwa Ruma, l-Italia, u jigi w jmur Malta ta' spiss.

Jirrizulta ppruvat wkoll illi Cane' jghix gewwa 81, Sir Ugo Mifsud Street, Lija, meta huwa jigi Malta u, apparti tali propjeta w il-garage meritu tal-kawza odjerna, huwa ghandu flimkien ma' hutu varji propretajiet ohra madwar Malta.

Jirrizulta, ghalhekk, illi ma giex ippruvat illi r-rikorrent ghandu verament bzonn tali garage gewwa Sengela meta huwa jghix gewwa l-Isla. Jista jkun illi ghandu bzonn tali propjeta sabiex ikun jista jbiegha lill-terzi u jillikwida ftit mill-assi tal-familja li jinsabu gewwa Malta u li l-familja tieghu mhux qed jibbenefikaw tant minnhom - izda certament ma ghandhux bzonn personali ta' tali garage, a differenza ta' dak illi ppruva jaghti x'jifhem lill dana l-Bord.

Ghalhekk, tali bazi ta' ripreza ma tirrizultax ippruvata lanqas.

**Konkluzjoni.**

Il-Bord,

Wara illi ra il-provi kollha prodotti,

Wara illi ra is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Jghaddi biex jaqta u jiddeciedi l-vertenza billi

**Jilqa** l-eccezzjonjiet kollha ta' l-intimat Michael Gatt u l-kjamata in kawza Concetta Formosa, u ghalhekk

**Jichad** it-talbet attrici kif dedotti.

Spejjez tal-proceduri odjeri kif ukoll ta' l-ewwel proceduri quddiem il-Bord ghandhom ikunu a kariku tar-rikorrenti.

Spejjez tal-proceduri fi stadju ta' appell ghandhom ikunu a kariku ta' l-intinat Michael Gatt.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**